MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Numru. 818/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Bernard Spiteri)**
**(Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi_**

**Vs**

**-----Omissis-----**

**-----Omissis-----**

**-----Omissis-----**

**Isa Ali Makaomi ta' 32 sena, bin Ali u Sonya nee` Mukaomi, imwieled il-Libja fl-24 ta' Dicembru, 1978 u residenti f'indirizz mhux maghurf.**

**-----Omissis-----**

**-----Omissis-----**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Isa Ali Makaomi li flimkien ma persuni ohra gie akkuzat:talli fil-21 ta' Marzu, 2011, ghal habta ta' bejn 12.30pm u s-1.00pm fi Triq l-Imdina, Attard, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, pesuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi jew ta' ordni mghoti skond il-ligi minn Awtorita competent.

Gie akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi flimkien ma persuni ohra ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar migburin bil-hsiel li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikulari

Gie akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi flimkien ma persuni ohra kiser volontarjament il-bon ordni jew kwiet pubbliku.

Gie akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi flimkien ma obdiex ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija.

Gie akkuzat ukoll talli fl-istess data, u lik, bejn l-10.30am u l.00pm, inghaqghad f'gemgha ta' tnax il-persuna jew aktar, li ngemghu flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika, u wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita kompetenti biex jixxerdu u hil-kwiet imorru lejn dahrhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, f'numru ta' tnax jew aktar, ghal zmien siegha war li kienet maghmula dik it-twissija.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tak-14 ta' Gunju, 2011;

Semghet lill-imputat jiddikjara illi m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat Isa Ali Makaomi liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-pieni;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat Isa Ali Makaomi  il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha fi stadju bikri tal-proceduri mill-imputat, kif ukoll l-isfond politiku u socjali li fih sehh dana l-kaz fejn l-imputat u l-familja tieghu jinsabu mkisssra minhabba l-gwerra civili li qed issehh f'pajjizu

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 96, 68(2), 338(dd)(ee), 80, u 17(b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sena prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghall zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati  bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operatttiv ta' din is-sentenza

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------